

## Il-Fundaturi

### Dun Filippu Borg (1567-1649)

**Kien bis-saħħa Tiegħu...**



Dis-sena Birkirkara qed tiċċelebra għeluq it-375 sena mit-twaqqif tal-Kolleġġjata tagħha ddedikata lil Santa Liena, l-ewwel waħda fost dawk li rnexxielhom iżommu kontinwita` ta' eżistenza, fil-każ tagħna sa mill-1630. Dan qed jingħad fid-dawl tal-pubblikazzjoni reċenti ta' dokumentazzjoni medjevali dwar l-*Ecclesia Matrix* ta' Għawdex, jew il-Katidral ta' llum.

L-ambjent soċjo-politiku u ekkleżjastiku ta' Malta fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax, ovvjament kien differenti ħafna, u aktarx iktar ikkumplikat minn dak li kien hawn f'pajjiżna f'dawn l-aħħar żewġ sekli. L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kien jaħkem fuq din il-gżira-stat bl-istess mod awtokratiku li bih ir-rejjiet kienu jaħkmu fuq is-saltniet tagħhom fil-kontinent Ewropew u fuq l-imperi li kellhom mifruxin ma' l-erbat irjieħ.

Iżda ma kinux biss il-Grammastru u l-kavallieri tiegħu li kienu jeżerċitaw il-poter hawnhekk: kien hemm l-Isqof, l-Inkwiżitur, it-Tribunal tar-*Reverenda Fabbrika di San Pietro* u l-*Universita`*, il-gvern antik u ruħu fi snienu tal-Maltin – dak il-gvern minn Maltin għall-Maltin li s-slaten Spanjoli kienu kkonċedew lil dawn il-gżejjer fil-Medju Evu.

Iżda minkejja dak kollu li setgħet fissret ir-rebħa ta' l-Assedju ta' l-1565, u fil-fatt anke minn qabel, u minkejja l-ġid u s-sigurta' relattivament aħjar li kien hawn fil-gżejjer wara, mitt sena sew wara li l-Kavallieri ħaduhom f'idejhom, il-Maltin xejn ma kienu kuntenti bil-mod assolutist li bih kienu qed jiġu ggvernati kif ukoll l-imġieba arroganti u abbużiva ta' wħud minnhom.. U din ma kinitx l-ewwel darba. Kien hemm xi wħud li ppruvaw jagħmlu xi ħaġa biex itejbu l-qagħda tal-Maltin. U jekk ma setgħux fiċ-ċirkustanzi jġibu l-ħelsien – kien hemm minn ipprova joħloq enklavi jew speċi ta' stat fi stat. Kien dan li pprova jagħmel dak iż-żmien Dun Filippu Borg, il-kappillan ta' Birkirkara.

Dak li jidher ma' l-ewwel daqqa t'għajn fis-supplika li kien għamel lill-Papa Urbanu VIII biex jibdel il-knisja parrokkjali ta' Birkirkara f'Kolleġġjata, billi jħallilha ġidu kollu biex titwaqqaf, huwa ried li *jibdel il-ġid ta' l-art f'ġid tas-sema.* Iżda Dun Filippu kien jaf sew li t-twaqqif ta' kolleġġjata seta' jfisser ukoll ħelsien mill-ħakma ta' l-Ordni u mill-ġurisdizzjoni tal-potenzi minuri l-oħrajn li kien hawn fil-gżejjer dik il-ħabta wkoll!

### BNIEDEM TAL-POPLU

Dun Filippu baqa' dejjem il-bniedem tal-poplu. Hu dejjem baqa' jagħraf l-oriġini popolari tiegħu, minkejja li ma damx ma sab stima kbira f'għajnejn Grammastri, Isqfijiet u Inkwiżituri, u minkejja li kien ingħata ħatriet importanti mit-tnejn ta' l-aħħar. Fil-kitba jew rapport kontemporanju, llum magħruf bħala: *Relazione sopra lo stato, dazii ed altre notizie curiose dell'isole di Malta,* attribwit kważi b'ċertezza assoluta lil Dun Filippu, hemm ħafna li jixhed dan.

Dun kien Filippu twieled fl-1567 f'Ħal Balzan. Dak iż-żmien il-parroċċa ta' Birkirkara kienet għadha bil-limiti oriġinali li kienu jibdew minn Ħ' Attard u jaslu sa tal-Pieta' fuq naħa u sal-Bajja ta' San Ġorġ fuq in-naħa l-oħra. Meta kien għadu qed jistudja għal qassis kien ukoll surmast ta' l-iskola ta' l-Imdina. Imbagħad sar Duttur fiż-Żewġ Liġijiet, jiġifieri dik ċivili u dik kanonika – *Ius Utriusque Doctor.* Dan kien ifisser li kien mar jistudja barra, aktarx Ruma, peress li dak iż-żmien ma kinux jingħataw gradi f'Malta billi ma kien għad hawn ebda Universita' jew kulleġġ ta' studju. Kien ordnat saċerdot fl-1593 u f'dik is-sena stess l-Isqof Tumas Gargallo ħatru Vigarju Ġenerali u kmieni s-sena ta' wara, kappillan ta' Birkirkara.

Fl-1608 irrifjuta l-ħatra ta' Dekan tal-Katidral li kien offrielu l-Grammastru Alof de Wignacourt . Aktarx li kien ukoll dil-ħabta li kien ta bidu għall-bini ta' dik li llum magħrufa bħala l-Knisja l-Qadima fl-Imrieħel. Kien ukoll Pro-Inkwiżitur mill-anqas darbtejn.

Dun Filippu jitqies bħala wieħed mill-ewlenin prodotti tal-kontro-riforma f'Malta. Ħadd ma seta' jgħid xejn dwar is-sens ta' moralita' li kellu u l-ubbidjenza lejn ir-regolamenti ekkleżjastiċi. Jista' jkun li ma kellux xi kultura kbira kbira, iżda għal dan-nuqqas kien jagħmel tajjeb il-wiċċ sfiq li kellu.. Kien jiġġieled għad-drittijiet tal-knisja, l-aktar jekk kien ikun hemm fin-nofs id-drittijiet tiegħu – inċident li kien inqala' minħabba raġuni simili kien qajjem kjass skandaluż fil-purċissjoni l-kbira ta' San Girgor ta' l-1622.

Għalhekk it-twaqqif tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara fl-1630 ma setax ma bidilx ix-xena lokali, mhux biss mil-lat ekkleżjastiku, iżda wkoll, u dan aktar importanti, mil-lat politiku, kieku din fit-fatt twaqqfet kif riedha Dun Filippu. Għalhekk kienet qajmet l-għadab tal-Grammastru u l-Kavallieri u ta' l-Isqof u l-Ġerarkija – l-Inkwiżitur ma kellux għajr li jara li jsir dak li Ruma kienet amret.

Kemm il-Grammastru u kemm l-Ġerarkija lokali kienu ġġieldu bil-qawwa kollha għal dak li kellu jkun tnaqqir tal-ġurisdizzjon tagħhom . Dan għamluh b'kull mezz li kellhom, imma l-aktar billi qabbdu lir-rappreżentanti li kellhom f'Ruma biex jiddefendu l-każ tagħhom b'qawwa quddiem is-Santa Sede. Dawn il-proċeduri żammew it-twaqqif tal-Kolleġġjata f'Birkirkara għal kważi ħames snin. Iżda fl-aħħar il-pussess ta' l-ewwel kanoniċi sar nhar l-10 ta' Mejju 1635.

Dun Filippu waqqaf f'Birkirkara Kolleġġjata ta' tnax-il kanonikat, seba' minnhom għal dik l-ewwel darba, b'permess speċjali, kienu ngħażlu minnu stess. Kellu jkun hemm ukoll Prepostu, l-ewwel u l-unika dinjita` fil-kapitlu, u huwa nnifsu kellu jkun l-ewwel wieħed. Dawn il-kanonikati kollha kellhom prebendi (ħlasijiet) minn flus u propjeta' li ngħataw mill-istess Dun Filippu.

Kellu jkun hemm ukoll vigarju jew kappillan. Dan għall-bidu ma kellux ikun parti mill-kapitlu, iżda Dun Filippu nnifsu kellu jibqa' wkoll kappillan, għalkemm kien se jkun prepostu. Madankollu hu ħalla l-vigarjat fl-1644 meta kellu 76 sena. Miet ħames snin wara fit-8 ta' Ottubru 1649 meta kellu 82 sena.

Dun Filippu li kien magħruf sew għall-għerf, l-għaqal u l-ġenerożita` tiegħu, ma kienx biss benefattur kbir għan-nies ta' Birkirkara, iżda wkoll figura ta' importanza nazzjonali li dejjem stqarr in-nazzjonalita' u l-oriġini popolari tiegħu u tħabat għad-drittijiet u l-kundizzjonijiet tal-ħajja ta' ħutu l-Maltin.

**Dun Perin Borg (1709-1787)**



Kien dixxendent tal-familja ta' Dun Filippu. Bħalu sar qassis u nħatar kanonku fl-1728, żmien li kienet bidet tinbena l-knisja ta' Santa Liena. Huwa kien iħabrek ħafna għal dan iżda fl-1750 waqa' minn fuq l-armar fejn kien tela' jara xi xogħol u b'riżultat t'hekk tilef driegħu tal-lemin. Minħabba f'hekk ma setax jibqa' jqaddes aktar u kellu jħalli anke xi servizzi oħra tal-Kolleġġjata billi ma setax jikteb.Iżda xorta waħda kien baqa' jmur għall-Kor u eventwalment sar Dekan.

Fl-1771 ġabar ġidu u ġid ħutu l-bniet u għamel it-tieni fundazzjoni tal-Kolleġġjata billi waqqaf erba' kanonikati oħra: Kantur, Teżorier, Penitenzier u Teologu. Huwa għalhekk li l-kanonċi tal-fundazzjoni Perina huma komunement magħrufin bħala *Ta' l-Erba`*, waqt li dawk tal-fundazzjoni Filippina (ta' Dun Filippu Borg) huma magħrufin bħala *Tat-Tnax.*

**Philip Xuereb**